# QORTI CIVILI
# PRIM'AWLA
# ONOR IMHALLEF ANNA FELICE

**Illum 06 ta' Ottubru, 2021**

**Rikors Guramentat Nru: 557/2020 AF**

**Alfred Zammit**

**vs**

**Dino Fino bhala Chief Executive Officer u in rapprezentanza ta' "Al Sadi Fino Company Limited"**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors maħluf tal-attur Alfred Zammit, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Ir-rikorrent Alfred Zammit kien impjegat bhala Retail & Commercial Sales Manager mal-kumpannija "Al Sadi Fino Company Limited" bejn Awwissu 2017 u Awwissu 2019.

Qabel l-ingagg, il-kontendenti ddiskutew il-commission li kellu jircievi r-rikorrent u ftehmu illi l-commission kellha tkun (tizdied ghal) wiehed fil-mija (1%), u dan biex din ir-rata taghmel tajjeb ghall-'hourly wage' baxxa meta dan jitqabbel mal-'hourly wage' li kellu fl-impjieg precedenti. Skond prospett li inti tajtu, kien hemm ftehim fuq "1% commission on Kitchens and Contracts Department turnover generated and cash received net of VAT, discounts and third party commissions".

In forza ta' dan il-ftehim, ir-rikorrent ghandu jiehu minghand l-intimati Al Sadi Fino Company Limited is-somma totali ta' sbatax-il elf hames mija u wiehed u sittin Ewro u hamsa u erbghin centezmu (EUR17,561.45c), u dan skond il-Prospett Dok. "A" hawn anness.

Ir-rikorrent ghandu informazzjoni dwar in-negozju inkluza dik kummercjalment sensittiva peress li kien il-persuna responsabbli biex jinhargu rapporti fuq Sales u ordnijiet, kif ukoll kien il-persuna responsabbli biex jimmaniggja CRM software tal-kumpannija, kif ukoll peress li kien Retail and Commercial Sales Manager.

Barra minn hekk, fil-konteggi li gewypprezentati lil Dino Fino hemm inkluzi transazzjonijiet li l-istess Direttur Dino Fino accetta bhala 'cash transactions'.

Dino Fino xerred allegazzjonijiet foloz bil-ghan li jipprova jilqa' ghat-talbiet li sarulu mir-rikorrent. Izda r-rikorrent qed jirriserva kull dritt spettanti lilu skond il-ligi kontra Dino Fino fir-rigward

ta’ dawn l-allegazzjonijiet foloz li xerred ma’ terzi persuni u kumpanniji.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi r-rikorrent ghandu jiehu minghand l-intimati s-somma globali ta’ sbatax-il elf hames mija u wiehed u sittin Ewro u hamsa u erbghin centezmu (EUR17,561.45c), skond il-Prospett anness.

2. Tikkundanna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti l-istess ammont, flimkien mal-imghaxijiet skond il-ligi b’effett mill-10 ta’ Awwissu 2019, l-ahhar jum tal-impjieg tieghu mal-kumpannija.

3. Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta maħlufa tas-soċjetà konvenuta Al Sadi Fino Company Limited, li permezz tagħha eċċepiet illi:

Preliminarjament, is-socjetà intimata qed tissolleva l-eccezzjoni ta’ kompetenza *rationae materiae* stante illi fil-prospett anness mar-rikors guramentat tar-rikorrenti qieghed jigi dikjarat illi parti mill-ammont komplessiv reklamat jappartjeni ghal sieghat ta’ xoghol mhux imhallsa.

Minghajr pregudizzju ghal dak suespost, l-ammont reklamat mir-rikorrenti jew parti minnu huwa preskritt ai termini tal-Artikolu 2147(c) u/jew 2148(d) tal-Kap. 16 skond il-kaz.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, hekk kif ser jirrizulta mill-provi u waqt it-trattazzjoni, ghalkemm hemm qbil illi r-rikorrenti kien impjegat mas-socjetà konvenuta, ma hemm ebda ammont ta’ commissions dovuti mis-socjetà konvenuta u dan stante illi r-rikorrenti kien jaf ben tajjeb illi l-commissions jithallsu diment illi jkun ghadu mpjegat mas-socjetà konvenuta.

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghandhom jigu michuda.

Salv kwalsiasi eccezzjonijiet ulterjuri u permess mill-ligi.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta maħlufa tal-konvenut Dino Fino, li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Preliminarjament l-azzjoni odjerna hija irrita u nulla in quanto diretta kontra l-esponenti Dino Fino stante illi ma ghandu ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Minghajr pregudizzju ghal dak suespost, l-istess azzjoni quanto diretta kontra l-esponenti hija irrita u nulla wkoll ghaliex Dino Fino bhala Chief Executive Officer m'ghandux ir-rappreżentanza legali u u guridika tas-socjetà Al Sadi Fino Company Limited.

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghal dak suespost, l-ammont reklamat mir-rikorrenti jew parti minnu huwa preskritt ai termini tal-Artikolu 2147(c) u/jew 2148(d) l-Art. 2147 u 2148 tal-Kap. 16 skond il-kaz.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, hekk kif ser jirrizulta mill-provi u waqt it-trattazzjoni, ghalkemm hemm qbil illi r-rikorrenti kien impjegat mas-socjetà konvenuta, ma hemm ebda ammont ta' commissions dovuti mis-socjetà konvenuta u dan stante illi r-rikorrenti kien jaf ben tajjeb illi l-commissions jithallsu diment illi jkun ghadu mpjegat mas-socjetà konvenuta.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghandhom jigu michuda.

Salv kwalsiasi eccezzjonijiet ulterjuri u permess mill-ligi.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti ngunt in subizzjoni.

Rat illi fl-udjenza tal-1 ta' Ġunju 2021, Dr. Jean Carl Abela għan-nom tas-soċjetà konvenuta irtira l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta dwar il-kompetenza ta' din il-Qorti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari ta' Dino Fino.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari ta' Dino Fino.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, l-attur qiegħed jitlob lill-Qorti ssib li l-konvenuti huma debituri tiegħu fis-somma ta' €17,561.45 in linea ta' *commissions* mhux imħallsa u għal sigħat ta' xogħol li l-attur jgħid li għalihom ma tħallasx matul il-perjodu li dam impjegat mas-soċjetà konvenuta.

Din id-deċiżjoni hija limitata ghall-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenut Dino Fino li permezz tagħhom eċċepixxa li huwa fil-vesti personali tiegħu m'għandu l-ebda relazzjoni ġuridika mal-attur u kif ukoll li bħala *Chief Executive Officer* huwa m'għandux ir-rappreżentanza legali u ġuridika tas-soċjeta konvenuta.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-attur kien impjegat mas-soċjetà konvenuta bħala *Retail & Commercial Sales Manager*. Huwa ttermina l-impjieg tiegħu minn ma' din il-kumpannija li da parti tagħha jidher li qegħda tirrifjuta li tħallsu *commissions* fuq bejgħ u għas-sigħat żejda li jgħid illi ħadem. Il-konvenut Dino Fino huwa llum il-ġurnata l-uniku direttur tas-soċjetà konvenuta, li llum jisimha Dino Fino Operations Limited.

Il-Qorti ser tibda mit-tieni eċċezzjoni. Mill-istatut tas-soċjetà konvenuta, li kopja tiegħu ġiet preżentata mill-attur stess, jirriżulta li r-rappreżentanza legali u ġuridika tal-kumpannija ġiet fdata f'idejn id-diretturi tagħha. Il-konvenut allura għandu raġun jeċċepixxi li huwa ma missux ġie mħarrek f'din il-kawża bħala *Chief Executive Officer* ladarba f'din il-kariga huwa m'għandux ir-rappreżentanza ġuridika tal-kumpannija.

Fil-kuntest tal-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, il-Qorti tirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-kawża fl-ismijiet Korporazzjoni Għas-Servizzi ta' l-Ilma et vs Emanuel Grixti, deċiża fl-10 ta' Jannar 2007, fejn gie ritenut illi:

*"b'relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn iz-zewg partijiet in virtù ta' liema l-wiehed, kreditur ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur, li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu. Obbligazzjoni din li tista' tkun wahda kemm "di dare jew di fare jew di non fare". Tali rapport obbligatorju jista' jkun wiehed f'sens strett u jista' jkun jkollu ukoll dimensjoni aktar wiesgha."*

Fis-sottomissjonijiet tiegħu l-attur jargumenta li f'din il-kawża huwa ma ħarrikx lil Dino Fino personalment. Madanakollu, għalkemm mill-okkju tal-kawża bħal donnu jidher illi l-attur ried illi jħarrek lil Dino Fino biss in rappreżentanza tas-soċjetà konvenuta, fil-fatt huwa mhux hekk għamel. L-attur ħarrek lil Dino Fino wkoll bħala *Chief Executive Officer* meta kif diġà ngħad, f'din il-kariga Dino Fino m'għandux ir-rappreżentanza tas-soċjetà konvenuta. Il-Qorti, bħal konvenut, ma tistax ħlief tasal għall-konklużjoni li l-mod kif l-attur, għażel li jintavola l-kawża, effettivament ħarrek ukoll lil Dino Fino fil-vesti personali tiegħu tant illi l-attur talab il-kundanna għall-ħlas taż-żewġ intimati u mhux tas-soċjetà intimata biss, kif kellu jagħmel.

L-attur jiċċita mis-sentenza ta' Charles Pace et noe vs Tarcisio Borg noe, deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru 1998, fejn il-Qorti tal-Appell fil-fatt kienet qalet li *'L-indikazzjoni tal-persuna li għandha r-rappreżentanza ġuridika tas-soċjeta skont l-istatut kostituttiv tagħha, fiċ-ċitazzjoni jew skrittura, hi llum għal kollox superfluwa.'* Dan il-bran mhux talli ma jgħinx lill-attur fl-argument tiegħu imma talli jkompli jirrinforza l-konklużjoni tal-Qorti li l-attur effettivament ħarrek lil Dino Fino fil-vesti personali tiegħu meta kien imissu għamel din il-kawża kontra s-soċjetà konvenuta biss, jekk verament lilha biss ried iħarrek.

Stabbilit illi l-konvenut Dino Fino ġie mħarrek ukoll personalment, il-Qorti ssib li huwa għandu jiġi illiberat mill-

osservanza tal-ġudizzju in kwantu li fil-vesti personali tiegħu huwa m'għandu l-ebda relazzjoni ġuridika mal-attur stante li l-attur kien impjegat mas-soċjetà konvenuta. Fil-fatt, l-attur qatt ma allega li kellu xi relazzjoni ġuridika mal-konvenut Dino Fino personalment.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenut Dino Fino u għaldaqstant, tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju. Tordna għalhekk il-prosegwiment tal-kawża.

L-ispejjeż ta' dan l-episodju jitħallsu mill-attur.

IMHALLEF

DEP/REG